Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,162, 7 ta' Diċembru, 2023
Taqsima B

A.L. 277 tal-2023

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regoli tal-2023 dwar Permessi għal Residenza għan-Nomadi (Taxxa fuq l-Income)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(23) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2023 dwar Permessi għal Residenza għan-Nomadi (Taxxa fuq l-Income).

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"Aġenzija Residenza Malta" tfisser l-aġenzija mwaqqfa skont l-artikolu 3 tal-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Residenza Malta; L.S. 595.40.

"applikant eliġibbli prinċipali" tfisser individwu li jkun fil-pussess ta' permess għal residenza għan-nomadi validu;

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income; Kap. 123.

"permess għal residenza għan-nomadi" tfisser permess għal residenza maħruġ skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni, li jagħti liċenzja lil ċittadin ta' pajjiż terz li jwettaq xogħol f'Malta li jkun jikkonsisti esklussivament f'xogħol awtorizzat; Kap. 217.

"xogħol awtorizzat" tfisser servizzi li jingħataw minn applikant eliġibbli prinċipali skont kuntratt ta' impjieg ma' prinċipal li ma jkunx residenti f'Malta u li ma jwettaqx negozju f'Malta permezz ta' post fiss ta' negozju, jew servizzi mwettqa minn applikant eliġibbli prinċipali fil-kapaċità ta' persuna li taħdem għal rasha għall-klijenti li ma jkunux residenti f'Malta u li ma jwettqux negozju f'Malta permezz ta' post fiss ta' negozju, liema servizzi, f'kull każ, huma pprovduti mill-bogħod permezz ta' teknoloġija tat-telekomunikazzjoni hekk kif jista' jiġi approvat mill-Aġenzija Residenza Malta.

Responsabbiltà għat-taxxa fuq l-income.

3. (1) Applikant eliġibbli prinċipali għandu jkun soġġett għall-ħlas tat-taxxa fuq l-income bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fuq l-income taxxabbli tiegħu derivat minn xogħol awtorizzat, bla ħsara

għal kwalunkwe ħelsien minn taxxa doppja kif provdut fit-Taqsima X tal-Att.

(2) L-income imsemmi fis-subregola (1) għal kwalunkwe sena ta' stima għandu jitqies li jkun jikkostitwixxi l-ewwel parti tal-income taxxabbli totali tal-persuna għal dik is-sena ta' stima.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel, applikanti eliġibbli prinċipali ma għandux ikun responsabbli għal taxxa fuq income derivat minn xogħol awtorizzat qabel t-tmiem ta' tnax-il (12) xahar:

(a) mid-data li fiha jinħareġ il-permess għal residenza għan-nomadi; jew

(b) mill-1 ta' Jannar 2024, skont liema minnhom tiġi l-aħħar;

sakemm ma jkunx ippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub lill-Aġenzija Residenza Malta li r-residenza tiegħu f'Malta, anke matul il-perjodu imsemmi ta' tnax-il (12) xahar, mhix sempliċiment ta' natura każwali.

(4) Income ta' applikant eliġibbli prinċipali, li ma jkunx income derivat minn xogħol awtorizzat, li jkun soġġett għat-taxxa f' Malta skont l-Att, għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Att.

(5) Kwalunkwe income li jkun soġġett għat-taxxa f'Malta derivat minn kwalunkwe membru tal-familja tal-applikant eliġibbli prinċipali li jkun hekk awtorizzat mill-Aġenzija Residenza Malta billi jiġi inkluż fil-permess għal residenza għan-nomadi ma għandux ikun regolat minn dawn ir-regoli, iżda għandu jibqa' regolat esklussivament mid-disposiżizzjonijiet tal-Att.

(6) Income li jaqla' l-applikant eliġibbli prinċipali minn xogħol awtorizzat skont kuntratt ta' impjieg ma għandux ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regoli dwar Final Settlement System (FSS).

L.S. 372.14.

(7) Jekk applikant eliġibbli prinċipali, għal kwalunkwe raġuni, ma jibqax jippossjedi permess għal residenza għan-nomadi, iżda:

(a) sussegwentement jingħata permess għal residenza għan-nomadi ġdid fi żmien perjodu ta' sentejn (2) minn meta l-imsemmija persuna ma tibqax fil-pussess tal-permess għal residenza għan-nomadi oriġinali, hija għandha tkun intitolata li tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din ir-regola, ħlief għal dawk tas-subregola (3); jew

(b) sussegwentement jingħata permess għal residenza għan-nomadi ġdid wara perjodu ta' iktar minn sentejn (2) minn meta l-imsemmija persuna ma tibqax fil-pussess tal-permess għal residenza għan-nomadi oriġinali, hija għandha tkun intitolata li tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din ir-regola, inklużi dawk tas-subregola (3).

Reġistrazzjoni għat-taxxa fuq l-income u prospett tat-taxxa.

4. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din ir-regola, applikant eliġibbli prinċipali li jkollu income li jkun soġġett għat-taxxa f'Malta għandu jkun meħtieġ li jkun reġistrat għall-finijiet tat-taxxa fuq l-income u li jibgħat prospett tat-taxxa skont dan.

(2) Applikant eliġibbli prinċipali:

(a) għandu jkun meħtieġ li jkun reġistrat għall-finijiet tat-taxxa fuq l-income wkoll fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa qabel it-tmien tal-perjodu ta' tnax-il (12) xahar imsemmi fir-regola 3(3);

(b) ma għandux ikun meħtieġ li jirrapporta għall-finijiet tat-taxxa fuq l-income income li jaqla' minn xogħol awtorizzat sat-tmiem tal-imsemmi perijodu ta' tnax-il (12) xahar sakemm ma jkunx issottometta d-dikjarazzjoni bil-miktub lill-Aġenzija Residenza Malta imsemmija fir-regola 3(3); u

(ċ) sakemm ma jkunx ordnat mod ieħor mill-Kummissarju, huwa ma għandux ikun meħtieġ li jibgħat prospett tal-income jekk huwa ma jidderivax kwalunkwe income taxxabbli għajr:

(i) income minn xogħol awtorizzat, u

(ii) income ieħor li ma jeħtieġx li jiġi rrapurtat fi prospett tal-income,

u ż-żmien tas-sena bażi partikolari ma jestendix ulterjorment t-tmiem tal-imsemmija tnax-il (12) xahar.

(3) Fir-rigward ta' kwalunkwe sena jew parti minnha li fiha applikant eliġibbli prinċipali jkun soġġett għat-taxxa fuq income derivat minn xogħol awtorizzat, jekk huwa jipprovdi dokumentazzjoni uffiċjali bil-miktub li tipprova għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija Residenza Malta li tkun qed taġixxi għan-nom tal-Kummissarju, li huwa jkun ħallas taxxa f'pajjiż barra minn Malta fuq l-income imsemmi b'rata ta' mhux inqas minn għaxra fil-mija (10%), huwa ma għandux ikun meħtieġ jirrapporta dak l-income għall-finijiet tat-taxxa fuq l-income ta' Malta abbażi tal-fatt li t-taxxa dovuta fuq dak l-income għandha titqies li tkun ġiet saldata bl-applikazzjoni tad-

dispożizzjonijiet tal-Att dwar ħelsien minn taxxa doppja.

(4) L-Aġenzija Residenza Malta għandha tgħaddi l-prova dokumentarja uffiċjali kif provduta mill-applikant eliġibbli prinċipali lill-Kummissarju skont is-subregola (3), skont kif jista' ikun applikabbli.

L-Aġenzija Residenza Malta għandha tipprovdi informazzjoni u dokumentazzjoni ulterjuri.

5. Sabiex jiġi aċċertat l-intitolament ta' applikant eliġibbli prinċipali għal drittijiet applikabbli skont dawn ir-regoli u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dawn ir-regoli u tal-Atti dwar it-Taxxi, l-Aġenzija Residenza Malta għandha tipprovdi lill-Kummissarju dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni ulterjuri kif il-Kummissarju jista' jqis meħtieġa.

Dispożizzjonijiet kontra l-abbuż.

6. (1) Mingħajr preġuddizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 51 tal-Att u ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra taħt l-Atti dwar it-Taxxi kontra l-evitar tat-taxxa, meta kwalunkwe applikant eliġibbli prinċipali jkun f'pożizzjoni li jottjeni vantaġġ mhux dovut li jkollu l-effett li jnaqqas l-obbligazzjoni tiegħu għall-ħlas tat-taxxa b'mod li ma jkunx jaqbel mal-objettiv u l-għan ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju għandu jiddetermina r-responsabbiltà għall-ħlas rilevanti tat-taxxa b'dak il-mod u b'dak l-ammont kif jista' jkun meħtieġ sabiex jiġi annullat kwalunkwe tali benefiċċju jew vantaġġ.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregola (1) għandhom japplikaw bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra f'kull liġi oħra kif ukoll kwalunkwe azzjoni amministrattiva taħtha, li tippenaliżża kwalunkwe sitwazzjonijiet li jinvolvu l-prattiċi ta' abbuż tat-taxxa.

Prinċipali u klijenti mhux residenti f'Malta.

7. (1) Il-preżenza f'Malta ta' applikant eliġibbli prinċipali li jwettaq xogħol awtorizzat skont kuntratt ta' impjieg ma għandhiex fiha nnifisha tirriżulta sabiex il-prinċipal tiegħu jitqies li jidderiva income li jinqala' f'Malta.

(2) Il-preżenza f'Malta ta' applikant eliġibbli prinċipali li jwettaq xogħol awtorizzat fil-kapaċità ta' persuna li taħdem għal rasha ma għandhiex minnha nnifisha twassal sabiex il-klijenti tiegħu jitqiesu li jidderivaw income li jinqala' f'Malta.